KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 65

**It-Tlieta 20 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 65.1 Qari tal-Apoloġiji

65.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittra ta' apoloġija.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

65.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

65.2.2 l-minuti tas-seduti numru 61, 62, 63 u 64 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 65.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1 Is-Sindku rringrazzja lill-uffiċċju amministrattiv tal-attività tal-inawgurazzjoni li ttellgħet il-Ġimgħa li għaddiet. Min-naħa tal-Kunsilliera kollha wrew apprezzament għal kif ittellgħet l-attività.

65.3.2 Is-Sindku informa li l-kontijiet li kien preżenta l-Kunsill fir-rigward tal-iskemi tar-Reġjun kienu ġew approvati.

65.3.3 Is-Sindku informa li kienu qed isiru l-*core samples* fil-*bypass* tal-Imtarfa minn IM. Dan kellu jkun l-ewwel stadju qabel jibda x-xogħol fuq il-*bypass* innifisha. Skont informazzjoni li għaddew IM, is-*single carriageway* kienet se tingħalaq għal madwar ġimgħatejn fil-ġranet li ġejjin biex tittejjeb l-infrastruttura tad-dawl u għaldaqstant il-parti ta' barra, li hija *two-way*, se tkun qed tintuża fid-direzzjonijiet opposti temporanjament.

65.3.4 Is-Sindku informa li Project Plus kienu qed joffru li jagħmlu installazzjoni ta' bankijiet u fanali li jaħdmu bil-pannelli solari fiż-żona ta' bejn Triq Sir Philip Pullicino u Triq il-Konti Salv Manduca. Għaldaqstant kien hemm qbil li jsir survey ta' din iż-żona. Għall-mistoqsija tas-SE, is-sindku informa li l-Kunsill mhux se jiġi mitlub jagħmel aktar spejjeż fir-rigward ta' dan il-proġett, ħlief għas-*survey* taż-żona biex il-perit jimmarka fejn għandhom jitpoġġew il-bankijiet u l-arbli tad-dawl.

65.3.5 Is-Sindku informa li l-Awtorità tad-Djar kienu qablu li jnaddfu ż-żona ta' wara Triq Gregorio Carafa, li kienet responsabbiltà tagħhom. L-istima telgħet għal €1200. Fuq talba tal-Awtorità tad-Djar il-Kunsill se ssir l-ordni lill-kuntrattur u mbagħad tintalab rifużjoni lura mingħandhom.

## 65.4 Pjazza San Oswald

65.4.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal laqgħa ma' IM biex jiġi diskuss ix-xogħol fuq il-pjazzetta ta' San Oswald. Ir-raġuni kienet biex possibbilment ix-xogħol jinħadem minn kuntrattur ta' IM fuq il-*framework agreement* biex ikun hemm rati diġà stabbiliti.

65.4.2 Il-Kunsill kien se jistenna lura mingħand il-Perit tal-Kunsill biex naraw jekk l-ammont kienx se jkun aktar favorevoli bir-rati tagħhom.

65.4.3 Is-SE infurmat li fil-preżent, it-total tal-proġett kien tela' għal madwar €140,000. Il-Kunsill kellu €80,000 minn skema tal-LESA u madwar €40,000 mid-DPF li l-Kunsill seta' juża għal dan il-proġett.

65.4.5 Is-Sindku informa wkoll li l-Kunsill kien irċieva l-kuntratt ta' Project Green għall-proġett tal-foresta tal-frott fil-Barracks. Din kienet telgħet kważi €2,000,000 u l-Kunsill kien mistenni joħroġ 10% tagħhom. Huwa qal ukoll li diġà kien tkellem ma' IM sabiex possibbilment jagħmlu tajjeb għal dan l-ammont biex ipattu għall-problemi kbar li nħolqu fis-sistema tal-elettriku ta' bejn il-*barracks* meta sar ir-*resurfacing*.

## 65.5 CCTV Camera fi Triq ir-Reġimenti Maltin

65.5.1 Is-Sindku informa li kien qed jitlob li l-camera ta' Triq ir-Reġimenti Maltin tiddawwar biex jingħataw iċ-ċitazzjonijiet waqt il-ħinijiet ta' flgħaxija meta qed ikun hemm konfużjoni sħiħa ta' vetturi pparkjati jagħlqu karreġġjata minnhom bir-riskju li jsir xi inċident ikrah. Is-Sindku għandu jgħaddi l-ħinijiet u l-ġranet ta' meta jkun hemm l-aktar konġestjoni lis-SE.

65.5.2 Sadanittant fuq suġġeriment tal-Kunsillier Dr Attard kien hemm qbil li s-Sindku għandu jkellem lill-Ispettur tal-Pulizija sabiex possibbilment dawn il-vetturi jitwaqqfu milli jabbużaw mill-ewwel u jintbagħtu jipparkjaw fil-parkeġġ tal-Knisja.

## 65.6 Offerti tal-Ġbir ta' Skart Goff u tas-*Soft Areas*

65.6.1 Is-SE infurmat li kienu ġew ippubblikati ż-żewġ offerti. Dawn kienu jiskadu nhar il-15 ta' Diċembru 2023.

65.6.2 Is-SE infurmat li sakemm jiġu evalwati u aġġudikati dawn it-*tenders*, il-Kunsill se jkun qed jaħdem *b'direct Orders*.

## 65.7 Impjieg ta' skrivan/a ġdid/a

65.7.1 Is-SE infurmat li kienu saru l-intervisti għall-iskrivani. Kien hemm żewġ applikanti li kienu jidhru tajbin u li setgħu jibdew jaħdmu minn wara ġimgħa biss li jagħtu n-*notice* tagħhom.

65.7.2 Minħabba li l-Kunsill kellu żewġ vakanzi pendenti, kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lid-DLG sabiex tivverifika magħhom jekk jistax isir l-ingaġġ taż-żewġ applikanti mill-ewwel minflok li wieħed jgħaddi mill-proċeduri kollha li ġew spjegati mis-SE.

65.7.3 Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jistenna r-risposta mid-DLG qabel ma tittieħed deċiżjoni min għandu jintagħżel bejn iż-żewġ applikanti.

## 65.8 Tħaddim taċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni u l-Arloġġ

65.8.1 Is-Sindku informa li min-naħa tal-periti tal-Kunsill, iddaħħlet l-applikazzjoni għall-*compliance,* sabiex iċ-Ċentru jkollu l-ilma u l-elettriku biex ikun jista' jitħaddem.

65.8.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir Expression of Interest għall-gwidi biex dawn ikunu jistgħu jtellgħu gruppi fuq it-torri l-arloġġ mingħajr ma jkun neċessarju li jkun hemm ebda persuna mat-torri. Il-Kunsill qabel mal-idea.

65.8.3 Is-SE fakkret li sadanittant il-Kunsill għadu qed jistenna li jingħata l-compliance min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar u għaldaqstant għad m'hemmx provvista tad-dawl u tal-ilma. Hija infurmat ukoll li għad irid ikollna biżżejjed staff biex jitħaddem il-VC u hemm ukoll preparamenti oħra, tipo kotba tal-irċevuti ġodda apposta, tiġi mgħoddija byelaw, xogħol relatat mal-applikazzjoni eċċ. Hija ssuġġeriet li fil-bidu l-VC tibda titħaddem biss fuq bażi ta' darba jew darbtejn fil-ġimgħa għal ftit sigħat sakemm ikollna exposure biżżejjed biex issir meta turistika.

65.8.4 Sadanittant kien hemm diskussjoni dwar il-possibbiltà li jsiru xi cameras fil-gallarija tal-arloġġ biex wieħed ikun jista' jissorvelja aħjar x'qed isir. Is-SE kienet se tiddiskuti t-talba mal-inġiniera tal-Kunsill.

## 65.9 Suq tal-Milied organizzat mill-Iscouts

65.9.1 Is-SE infurmat li kien inbeda x-xogħol fuq il-preparamenti bejn iż-żewġ gruppi ta' scouts. Hija infurmat li kienet tifforma parti minn chat fuq whatsapp għall-organizzaturi u tista' tassigura li kollox kien miexi tajjeb ħafna.

Hawnhekk il-Kunsilliera talbu lis-SE sabiex tassigura li tinforma lill-iscouts biex jinkludu wkoll liż-żewġ ristoranti li għandna fil-lokalità.

## 65.10 Punti Oħra

65.8.1 is-SE staqsiet lis-Sindku jekk kellux xi risposta mingħand Clean Malta fir-rigward tat-tindif tat-toroq. Huwa informa li għadu qed jipprova jagħmel kuntatt magħhom.

65.8.2 Is-SE infurmat li l-maġġorparti mix-xogħlijiet fuq iċ-ċentru tal-interpretazzjoni kienu tlestew bl-eżatt qabel l-inawgurazzjoni u għaldaqstant iċ-ċerimonja setgħet issir mingħajr aktar problemi.

65.8.3 Is-SE infurmat li flimkien mal-kordinatur tal-Proġett, il-periti u l-inġiniera issa kienu bdew il-proċess biex jiddaħħlu l-claims kollha sal-aħħar ta' Novembru.

65.8.4 Hija infurmat ukoll li bħalissa għandha 2 garanziji mal-Brands – waħda tal-*pre-financing guarantee* għal €64,914.66, u oħra għal *performance guarantee* ta' €12982.94 u t-tnejn jagħlqu fid-29 ta' Diċembru 2023. Il-Brands kienu obbligati li jagħtuna lura garanzija ta' 5% (*retention guarantee)* fuq il-valur tal-kuntratt ukoll (bejn wieħed u ieħor €16,500). Fid-dawl li kien hemm numru konsiderevoli ta' xogħlijiet fuq il-lista tal-isnags li qed tiddubita kemm se jsiru jew isirux sad-deadline il-ġdida mogħtija mill-Kunsill, talbet direzzjoni lill-Kunsill jekk jaqbilx li dawn jinżammu biex il-Kunsill ikun assigura li bejn il-performance guarantee kif

ukoll il-5% garanzija tar-retention ikollu l-ammont ta' madwar €28,000 biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet, jew inkella għandhomx jingħatawx lura. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lill-avukat tal-Kunsill sabiex fil-każ li x-xogħol ma jkunx għadu sar sad-data tal-iskadenza l-ġdida tal-15 ta' Diċembru, il-performance guarantee tkun tista' tiġi miġbuda u miżmuma mill-Kunsill.

65.8.5 Is-SE infurmat li sadanittant kienet talbet lill-avukat biex jibda l-proċess ġudizzjarju kontra l-koperattiva Recoop minħabba li baqa' ma' ħallasx lura l-flus li kellu jgħaddi lill-Kunsill.

65.8.6 Is-SE infurmat li kellha talba mingħand id-Depiro sabiex titkisser bankina viċin tal-gym sabiex ikun jista' jidħol makkinarju kbir jagħmel xi xogħlijiet fil-green area ta' quddiemhom. Kien hemm qbil li l-kunsill mhu se japprova ebda xoghol fuq dan is-sit qabel ma niġu infurmati u kkonsultati dwar il-pjanijiet li għandhom. Imbagħad wara tali laqgħa l-kunsill kien se jikkunsidra li japprova tali xogħlijiet. Dan għaliex il-kunsill diġà kellu pjanijiet fuq din iż-żona. Is-SE ġiet mitluba twissi lid-Depiro li l-Kunsill kien qed jirriserva d-drittijiet legali għad-dispozzjoni tiegħu u li kien lest li jieħu l-passi kollha meħtieġa kemm-il darba jinbdew xogħlijiet qabel ma ssir konsultazzjoni xierqa u mingħajr l-approvazzjoni tal-kunsill u tal-awtoritajiet kompetenti.

65.8.7 Is-SE infurmat li sadanittant kienu ġiet sottomessa l-petizzjoni kontra l-proġett il-ġdid ta' ċentru tal-isports għad-Depiro flok il-grawnds tal-futbol.

## 65.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

65.09.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 011/2023), kopja tagħha mehmuża.

65.09.2 Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Dr Attard issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 65.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

65.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 28 ta' Diċembru 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Diċembru 2023.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |